MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 158/2000/2

**Carmel Attard**

**v.**

**Mario Debono, Sandra Spiteri, Francesco Sultana u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 1994 gew kjamati fil-kawza Giuseppa Cassar, Carmela Borg, Victoria Galea, Joseph u Rose konjugi Cassar.**

**Il-Qorti:**

F'din il-kawza, l-attur qieghed jitlob is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza precedenti fl-istess ismijiet

deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-20 ta’ Gunju 2000[1], pendenti il-proceduri ta’ ritrattazzjoni ta’ l-istess sentenza. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, b’sentenza moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2002 cahdet it-talbiet ta’ l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu, u dan peress li f’dik l-istess gurnata permezz ta’ sentenza separata hija kienet cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni. Attard appella minn din is-sentenza fuq il-bazi li, galadarba huwa kien appella minn dik is-sentenza ta’ ritrattazzjoni, “ikun opportun li talinqas sakemm jigi deciz l-appell kontestwali tigi ordnata s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni ta’ din is-sentenza”.

Fl-udjenza tat-13 ta’ Gunju 2005 quddiem din il-Qorti (il-Qorti ta’ l-Appell) il-partijiet qablu li dan l-appell seta’ jibqa’ ghas-sentenza fuq l-atti li gia` kien hemm flimkien ma’ l-appell nru 157/00 fl-istess ismijiet (cioe` l-appell mic-cahda tat-talba ghar-ritrattazzjoni).

Peress li llum stess dana l-appell l-iehor – 157/00 – fl-ismijiet ***Carmel Attard v. Mario Debono et*** gie deciz kontra l-appellant Carmel Attard, b’mod ghalhekk li giet konfermata s-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni, isegwi li l-azzjoni odjerna ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-20 ta’ Gunju 2000 tilfet kwalsiasi bazi legali li seta’ kellha, u ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi michud.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant Carmel Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Proprjament fis-sentenza tal-20 ta’ Gunju 2000 l-atturi kienu tnejn: Carmel Attard (l-attur odjern) u martu Carmen.